REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1921

tat-18 ta' Novembru 2019

li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Daniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 873/2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1],u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Daniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2011 [2] fiha l-iżbalji fit-tabella tal-Anness fir-rigward ta' kategorija ta' prodotti u minħabba f'hekk qed jinbidel il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Daniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 873/2011 għalhekk jenħtieġ li tiġi kkoreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2011 tas-27 ta' Lulju 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 227, 2.9.2011, p. 5).